# L-erba' setturi tal-ekonomija

L-iżvilupp tal-ekonomija Maltija

Is-settur primarju

Is-settur sekondarju

Is-settur terzjarju

Is-settur kwaternarju

# X'inhi l-ekonomija?

L-ekonomija hija parti essenzjali fit-tmexxija ta' pajjiż. Biex soċjetà tkun tista' timxi sew ikollha bżonn ta' ekonomija soda.

**L-ekonomija hija dik il-qasam soċjali li jorganizza l-ħolqien u t-tqassim tal-ġid.**

Biex titħaddem l-ekonomija hemm bżonn ta' xerrejja u bejjiegħa; produtturi u distributuri; investituri u ħaddiema; fejn dawn kollha joħolqu, jqassmu u jikkunsmaw miljuni ta' prodotti u servizzi. B'hekk permezz ta' diversità qawwija ta' xogħolijiet tkun qed titħaddem l-ekonomija.

Fil-biċċa l-kbira minn dan il-proċess, jiġi b'xi mod iffissat prezz għal kull prodott jew servizz. Fil-fatt il-prezz tal-oġġett jew servizz jindika l-valur tax-xogħol li jkun sar. Il-prezz ikun jaħbi s-sehem ta' bosta persuni, li l-ħidma tagħhom tkun ġiet stmata biex tiżdied mat-total ta' dak il-prezz. Is-sistema ekonomika nistgħu nxebbħuha għalhekk ma' pompa kbira li tiċċirkola l-ħtiġijiet kollha li jista' jkollha soċjetà moderna.

# Kif titħaddem?

Is-sistema ekonomika hija sistema li taqdi l-ħtiġijiet kollha tas-soċjetà'. Dan jseħħ billi jkun hemm katina sħiħa bejn produzzjoni u distribuzzjoni. Biex kollox jimxi ħarir irid ikun hemm **ċiklu** sew bejn il-**provvista** (supply) u d-**domanda** (demand) ta' xi prodott jew servizz. Jekk ikun hawn affarijiet żejda fis-suq, jonqos il-qliegħ; u jekk ikun hawn affarijiet skarsi is-suq ma jimxix sew.

B'hekk importanti li jkun hemm ċiklu, fejn insibu individwi jew familji li jaqilgħu l-flus mill-ħidma li wettqu biex imbagħad b'dawn il-flus huma jixtru prodotti u servizzi mill-istess ekonomija.

## Żvilupp ekonomiku:

Ser nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-progress u avvanz ekonomiku li seħħ f'Malta:-

Tul is-sekli Malta kienet dejjem magħrufa bħala post strateġiku fil-Mediterran, tant li kellha bosta ħakmiet li ħallew impatt soċjali. Il-maġġoranza tal-Maltin kienu involuti **f'xogħol t'agrikoltura jew sajd** kif ukoll kellhom kummerċ bażiku li fih setgħu jesportaw prodotti naturali, eż l-qoton.

L-ekonomija f'Malta taħt l-Ingliżi nbidlet minn waħda ibbażata fuq attività agrikola indipendenti għal waħda dipendenti intiża biex tforni servizz lill-militar barrani. Din tissejjah l-**ekonomija tal-fortizza.**

Mal-wasla ta' l-Ingliżi, Malta rat ukoll l-introduzzjoni tal**-banek**. L-għan tal-banek kien li jsellfu iktar biex idaħħlu iktar. F'dan il-perjodu, id-domanda għax-xogħol, is-servizzi kif ukoll is-snajja' żdiedu.

Minbarra l-użu tal-banek, Malta kienet magħrufa wkoll għax-xogħol fit-**tarzna.**

L-ekonomija ta' Malta, kemm fl-imgħoddi kif ukoll illum minn dejjem imxiet permezz tat-**turiżmu**.. Fl-imgħoddi Malta kellha ekonomija ibbażata fuq l-manifattura, iżda wara li l-kolonja Ingliża telqet minn Malta, l-ekonomija daret lejn it-turiżmu bħala l-qasam ewlieni għad-dħul finanzjarju. L-influwenzi li t-turisti jħallu fuqna kif ukoll l-influwenzi li aħna nħallu fuq it-turisti jgħinu lil Malta ekonomikament.

Beda jiżdied ukoll is-settur privat. Eż. T-telekomunikazzjoni, l-posta u l-ajruport ġew liberalizzati. Bil-mod l-ekonomija Maltija bdiet miexja minn waħda ċentralizzata għal ekonomija aktar miftuħa u kompetittiva.

Dan it-tip ta' żvilupp jgħaddu minnu diversi pajjiżi biex ikunu jistgħu jikkompetu fid-dinja tal-llum. Fil-fatt l-ekonomija tilgħab parti mportantissima fuq kif aħna nikklassifikaw s-suċċess ta' pajjiż. Biżżejjed ngħidu li l-pajjiżi tal-Ewwel dinja, t-

Tieni Dinja u t-Tielet Dinja jingħarfu minn xulxin l-aktar minħabba l-livell ekonomiku tal-pajjiż kif ukoll mill-użu ta' riżorsi naturali u umani.

Meta nitkellmu dwar żvilupp ekonomiku jintużaw ħafna dawn l-erba' termini:

Standard of living – dan it-terminu jirreferi għal-livell ta' ġid, prodotti materjali u affarijiet neċessarji li huma essenzjali għall-għixien ta' klassi soċjali partikolari f'arja ġeografika partikolari. Dan jinkludi l- paga, tip ta' xogħol, tip ta' dar, eċċ.

Quality of life - b'differenza minn standard of living, quality of life tirreferi għal well being taċ-ċittadini. Din tħares mhux biss lejn il-paga u l-affarijiet materjali, iżda wkoll lejn fatturi oħra mportanti bħal aċċess għal divertiment, l-ambjent ta' fejn joqogħdu, kemm huma aċċettati fi gruppi soċjali eċċ.

Prodott Gross Domestiku (GDP) – huwa l-flus, ġid u servizzi li jiġu ġġenerati minn pajjiż f'perjodu partikolari. Il-kalkolu tal-GDP ta' pajjiż jirrifletti x' tip ta' standard of living għandu dak il-pajjiż.

Human Development Index (HDI) – dan juri l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiż. Permezz ta' kalkoli dwar l-life expectancy taċ-ċittadin, l-livell ta' edukazzjoni f'dak il-pajjiż u l-istandard of living jinħadem dan l-HDI li permezz tiegħu pajjiż jiġi ikklassifikat skont kemm hu avvanzat f'wieħed minn erba' kategoriji.

# It-Tliet Tipi tal-Ekonomija

Kieku kellna inħarsu lejn l-ekonomija ta' pajjiżi differenti nsibu li dawn iħaddnu wieħed minn 3 tipi ta' ekonomija differenti . Hija s-sistema ta' tmexxija ta' pajjiż li tinfluwenza u tikkundizzjona t-tip tal-ekonomija .

1. **EKONOMIJA ĦIELSA** - hija ekonomija użata l-aktar f'pajjiżi kapitalisti. F'din it-tip ta' ekonomija kull ċittadin ikun liberu li jixtri, jbiegħ u jinnegozja kemm irid u kif irid. Il-prezzijiet jiddependu fuq kemm hemm domanda għall-prodott u kemm hemm kwantità' minnu fuq is-suq. F'din it-tip ta' ekonomija ikun hemm ħafna **privatizzazzjoni** u **liberalizzazzjoni** tas-suq. Għalhekk jiddependu ħafna fuq kumpaniji privati – però dan jista' jġib xi inġustizzji soċjali speċjalment ma' dawk li ma jkunux jistgħu jikkompetu.

2. **EKONOMIJA CENTRALIZZATA** - hija ekonomija li hi ikkontrollata mill-gvern. Hawnhekk id-dħul u l-sruġ finanzjarju tal-pajjiż huwa kollu f'idejn il-gvern. Fil-fatt din l-ekonomija ma tippermettix lis-settur privat jinvesti fis-suq, iżda l-investiment isir kollu mill-istat. B'hekk ikun hemm prezzijiet u pagi fissi u ħafna mis-servizzi tal-pajjiż ikunu pprovduti mit-tqassim tat-taxxi.

3. **EKONOMIJA MHALLTA** – hija l-ekonomija li sabet it-triq tan-nofs bejn l-ekonomija ħielsa u dik ċentralizzata. Għandek ammont ta' ħelsien ekonomiku mħallat ma'



investiment mill-istat. Għalhekk issib affarijiet ta' bżonn bħal edukazzjoni u kura medika li jkunu pprovduti jew sussidjat mill-gvern u affarijiet oħra bħal tqassim ta' flus fil-banek li jkunu f'idejn is-settur privat. B'hekk kemm iċ-ċittadini kif ukoll il-gvern ikollhom sehem fit-tmexxija tal-pajjiż. Malta timxi fuq din it-tip ta' ekonomija.

## L-Erba' Setturi tal-Ekonomija

Hemm erba' setturi tal-ekonomija, u dawn jiġu ikklassifikat skont it-tip ta' xogħol li nsibu f'kull settur.



## 1. Is-Settur Primarju

L-ewwel settur huwa dak primarju, li għandu x'jaqsam mal-ħruġ ta' materja prima (**riżors naturali**) ta' kull xorta mill-art jew mill-baħar. F'dan is-settur insibu

l-agrikoltura,

sajd,

l-estrazzjoni tal-minerali,

l-industrija tal-minjieri u tal-barrieri,

t-tħaffir taż-żejt.

Is-settur primarju għalhekk irid iforni l-**materja prima**, apparti li jrid jipprovdi l-ikel u x-xorb għall-bniedem.

Is-settur primarju madwar id-dinja għadu settur li fih insibu ħafna ħaddiema. F'pajjiżi sottożviluppati jiddependu ħafna mis-settur primarju. Dan jipprovdi xogħolijiet li jistgħu jsiru minn grupp żgħir ta' nies u ma jitlobx ħafna kapital.

Però f' Malta huwa pjuttost persentaġġ żgħir li nsibu jaħdmu fis-settur primarju. F'Malta nsibu li għandna ammont ta' bdiewa u sajjieda (li uħud minnhom huma part-timers) u dawk li jaħdmu fil-barrieri għall-qtugħ tal-franka.

## 2. Is-settur sekondarju

Dan is-settur jiġbor fih l-**industrija tal-manifattura**. Hawnhekk tiġi pproċessata l-materja prima biex minnha jsiru oġġetti li aħna nixtru għall-bżonnijiet tagħna, eż: l-injam jinbidel f’għamara u karti. Hawnhekk qed nitkellmu dwar **fabbriki u snajja’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’’.**

Dan ix-xogħol jinvolvi ħafna nies u ħafna flus investiti. **Il-fabbrika** hi l-post fejn isir il-**manifatturar** tal-prodott. L- ambjent hu wieħed industrijali, b’ħafna magni kbar, komplikati u b’teknoloġija avvanzata. Ix-xogħol fil-fabbrika fih il-problemi tiegħu eż. ħsejjes, sħanat, gassijiet, kimika, kesħa u perikli fuq dawk li jkunu qed jaħdmu eż. bl-elettriku. L-apparat li ġieli jintuża jista’ jkun perikoluż, tqil, u fil-għoli. F’pajjiżna jiġru madwar 8000 inċident fuq ix-xogħol kull sena ħafna minnhom f’dan is-settur speċjalment fil-qasam tal-bini. Hawnhekk tiġi ntrodotta l-idea ta’ health and safety fuq il-post tax-xogħol.

Barra minn hekk il-fabbriki jkollhom impatt qawwi fuq l-ambjent. Joħolqu ħafna **tniġġiż t**al-arja minħabba d-dħaħen li jipproduċu, kif ukoll tniġġiż tal-baħar minħabba l-kimiċi li jintremew mill-fabbriki għal ġol-baħar jew xmajjar.

F’Malta għandna ammont ta’ industrial estates bħal f’Bulebel, l-Mrieħel u f’San Ġwann li jipprovdu prodotti kemm għas-suq lokali u għas-suq ta’ pajjiżi oħra.

## 3. Is-settur terzjarju

Dan is-settur huwa magħruf ukoll bħala s-**settur tas-servizzi**. Hawn insibu produzzjoni mhux ta' oġġetti li jidhru u jintmissu iżda servizzi fejn il-bniedem qed joffri l-kapaċità' li għandu. Dan jgħidulu r-**riżors uman**.

Fost is-servizzi ekonomiċi hemm dak tas-saħħa, tal-edukazzjoni, l-banek, t-turiżmu, trasport, komunikazzjoni, liġi u amministrazzjoni.

Malta tiddependi l-aktar fuq dan is-settur fejn ħafna nies jaħdmu f'setturi differenti. Malta tiddependi fuq dan is-settur li jinkorpora fih it-turiżmu – u t-turiżmu huwa sors ekonomiku importanti għal Malta. It-turisti jiġu Malta għal diversi raġunijiet u dawn kollha qed joħolqu ħafna opportunitajiet ta' xogħol għal Maltin.



### 4. Is-settur kwaternarju

Dan huwa settur relattivament ġdid. Huwa settur li jiġbor fih ir-riċerka u l-**informatika**. Kull xogħol li għandu konnessjoni ma' kompjuters, teknoloġija u avvanz f'riċerka jaqa' taħt dan is-settur.

## Is-sitwazzjoni f'Malta

Nagħtu ħarsa lejn is-sistema ekonomika f'Malta rigward dawn l-erba' setturi.

F'dawn l-aħħar snin Malta tidher li qed tħaddem ftit li xejn nies fl-ewwel settur. L-**agrikultura** trendi biss **5% mill-prodott gross domestiku (GDP).** L-akwakultura qed tipprovdi prodott għal-esportazzjoni u għat-turisti.

Imma minn naħa l-oħra **20% mill-prodott gross domestiku** nieħduh **mil-manifattura.** Għalkemm aħna m'għandniex materja prima, l-anqas riżorsi finanzjarji u l-anqas xi teknoloġija sofistikata xorta investituri barranin investew hawn f'ammont ta' fabbriki bil-għan li jesportaw. Dawn l-investituri huma prinċipalment Ingliżi, Ġermaniżi u Taljani. Aħna irridu niftakru li għandna r-**riżorsi umani** li lesti li jaħdmu. Investituri oħra huma Maltin u dawn jipproduċu għall-użu tagħna imma ġieli wkoll jesportaw.

Problema li nsibu f'dan is-settur hu li meta l-materja prima tinxtara minn barra aħna diġà nkunu qegħdin fi żvantaġġ. L-**ispejjeż tal-produzzjoni** f'Malta għolew filwaqt li pajjiżi li għadhom qed jaqbdu t-triq ta' żvilupp għadhom jaħdmu b'irħas u għalhekk irendu iktar qliegħ għall-investitur.

**It-turiżmu** jagħmel parti mis-settur terzjarju li hu l-aktar qasam ekonomiku li jħalli qliegħ f'Malta. Dan jipprovdi ma' **8000 impjieg** direttament u ħafna aktar igawdu indirettament minnu. It-turiżmu jipprovdi **35% tal-GDP.** Malta jżuruha madwar miljun turist fis-sena. Dan is-settur irid ikun kapaċi **jiddiversifika** fil-konsumaturi li jattira lejn pajjiżna.

Malta ma' tistax titlef is-suq turistiku għax l-ekonomija tal-pajjiż tiddependi wisq fuq din l-industrija.

Is-settur kwaternarju ħoloq oqsma ġodda li wkoll qed joffru xogħol per eżempju fil-**qasam tal-informatika, l-insurance u banking u llum wkoll fl-IT.** S'issa l-ST Microelectronics kien l-aktar li jimpjega nies fis-suq privat. Però l-proġett ta' Smart City hu immirat li jimpjega aktar nies fl-ICT.

Smart City hu immirat li joħloq ħafna xogħolijiet relatati ma' teknoloġija.

